MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 319/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Gilbert Degabriele**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Gilbert Degabriele ta' 24 sena, iben Joseph u Natalina nee' Balzan, mwieled Pieta' nhar il-15 ta' Gunju 1984 u residenti gewwa numru 36, Ann Paul, Triq l-Erbatax ta' Dicembru 1945, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 576884(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-22 ta’ Frar 2009 ghall-habta ta’ 21:00hrs, gewwa Triq ix-Xatt, Marsaskala hebb ghall-Jonathan Bugeja detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 464778(M) u kkagunalu griehi ta’ natura gravi skond ma iccertifika Dr. S. Grech mill-Isptar Mater Dei ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD datata 25 ta’ Gunju 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija titratta mal-imputat Gilbert Degabriele bhala ricediv billi kiser il-provedimenti ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D., datata 15 ta’ Gunju 2006 fejn gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta’ Marzu, 2009 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ April, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat jinsab addebitat bl-imputazzjoni li fit-22 ta’ Marzu 2009 huwa hebb ghall-Jonathan Bugeja u

kkagunalu griehi ta' natura gravi. Illi meta xehed waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011 il-parti leza Jonathan Bugeja iddikjara li huwa kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u spjega li meta huwa mar il-policlinic dakinhar stess li sehh l-incident it-tabib li ezaminah poggielu mniehru f'postu u huwa ma hass xejn aktar u ma kellu bzonn ebda kura wara l-imsemmija data in kwantu jirrigwarda il-griehi inflitti mill-imputat. F'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni esebiet zewg certifikati medici (inseriti a fol. 25 u 26 tal-atti processwali) fejn wiehed qed jindika li l-griehi sofferti minn Jonathan Bugeja kienu ta' natura gravi filwaqt li l-iehor jindika li l-istess griehi kienu 'slight save complications'. Fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-istess parti leza waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2011 il-Qorti jidrilha li jirrizulta indubbjament li l-griehi sofferti kienu ta natura hafifa u li ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. In vista tar-rinunzja da parti tal-istess parti civili l-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara il-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Una volta li mhux qed tinstab htija in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni l-Qorti ma tistghax issib htija in kwantu jirrigwarda t-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni.

Il-Qorti jidrilha li l-unika imputazzojni li tirrizulta pruvata u li dwarha tista tinstab htija hija t-tieni(2) imputazzjoni li hija wahda kontravenzjonali fejn l-imputat qed jigi akkuzat bi ksur ta' buon ordni u paci pubblika u din tirrizulta pruvata kemm mix-xhieda ta' Jonathan Bugeja kif ukoll mix-xhieda ta missieru Angelo Bugeja. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda ta' sitta u hamsin Ewro (€56). Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Jonathan Bugeja, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti

tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet(3) u tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------